DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/503

tat-3 ta' April 2020

li temenda d-Deċiżjoni 2014/312/UE sabiex tiġi estiża d-deroga għall-ossidu taż-żingu biex tippermetti li l-użu tiegħu bħala stabbilizzatur tal-preżervattivi jkopri l-"preżervazzjoni ta' ġol-bottijiet" u l-preżervazzjoni ta' "pejsts li jagħtu l-lewn"

(notifikata bid-dokument C(2020) 1979)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 jipprevedi li l-Ekotikketta tal-UE tista' tingħata lil dawk il-prodotti li jħallu impatt ambjentali mnaqqas tul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom. Se jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi tal-Ekotikketta tal-UE għal kull grupp ta' prodotti.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/312/UE ([2]) tistabbilixxi l-kriterji, u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifiki marbutin magħhom, għaż-żebgħa u l-verniċ ta' barra u ta' ġewwa

(3) Deroga għall-ossidu taż-żingu (ZnO, CAS: 1314-13-2), ikklassifikata bil-perikli: H400, tossiċità akkwatika akuta ta' kategorija 1, u H410, tossiċità akkwatika kronika ta' kategorija 1 ġiet stabbilita fil-punt 1(d) tal-Appendiċi tad-Deċiżjoni 2014/312/UE għall-użu bħala stabbilizzatur għall-kombinazzjonijiet tal-preżervattivi b'saff niexef li jeħtieġu l-piritjon taż-żingu (ZPT) jew 1,2 Benżiżotijażol-3(2H)-on (BIT) sa konċentrazzjoni ta' 0,05 %.

(4) F'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/72/UE ([3]), il-BIT mhuwiex approvat għall-użu bħala preżervattiv b'saff niexef. Għalhekk, il-punt 1(d) imsemmi hawn fuq irid jiġi emendat skont dan.

(5) Bosta entitajiet kompetenti nazzjonali li jagħtu l-Ekotikketta tal-UE ssuġġerew estensjoni tad-deroga attwali għall-ossidu taż-żingu sabiex jiġi permess li l-użu tiegħu bħala stabbilizzatur tal-preżervattivi jkopri l-"preżervazzjoni ta' ġol-bottijiet" u l-preżervazzjoni ta' "pejsts li jagħtu l-lewn".

([1]) ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/312/UE tat-28 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta tal-UE għaż-żebgħa u l-verniċ ta' barra u ta' ġewwa (ĠU L 164, 3.6.2014, p. 45).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/72/UE tat-8 ta' Frar 2010 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' ċerti sustanzi fl-Anness I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 36, 9.2.2010, p. 36).

(6) F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kontroll tal-Idoneità tal-Ekotikketta tal-UE (REFIT) tat-30 ta' Ġunju 2017, is-servizzi tal-Kummissjoni, flimkien mal-Bord tal-Ekotikkettar tal-UE, ivvalutaw ir-rilevanza ta' din l-emenda biex jiggarantixxu użu għoli tal-iskema għal dan il-grupp ta' prodotti. Il-partijiet ikkonċernati pubbliċi ġew ikkonsultati wkoll.

(7) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli mill-forniturі u mill-manifatturi taż-żebgħa, iz-ZnO jintuża għal skopijiet ta' stabbilizzazzjoni fiż-żebgħa u fil-verniċ flimkien ma' dawn iż-żewġ preżervattivi: iz-ZPT u l-BIT, li jintużaw biex jiġġieldu t-tkabbir ta' mikrobi mhux mixtieqa fiż-żebgħa.

(8) Iz-ZnO jipprovdi funzjoni ta' stabbilizzazzjoni liż-żebgħa li fiha z-ZPT u l-BIT jintużaw bħala preżervattivi. Iz-ZnO jipprevjeni l-propensità li z-ZPT tagħmel transkelati ma' joni tal-metall oħrajn, tipikament il-ħadid u l-kalċju u li tifforma kumplessi kkuluriti li jwasslu għal bidla mhux mixtieqa fil-kulur taż-żebgħa. F'kombinazzjonijiet mal-BIT, iz-ZnO jippreveniha milli tgħaddi mill-fażi tal-ilma għall-fażi organika taż-żebgħa (eż. il-legant) u b'hekk iżid id-disponibbiltà tagħha fil-fażi tal-ilma fejn ir-riskju għat-tkabbir mikrobiku jkun ogħla. Mingħajr iz-ZnO l-ħajja taż-żebgħa titnaqqas għal ftit ġimgħat, u b'hekk titnaqqas ukoll il-ħajja tagħha fuq l-ixkaffa.

(9) Id-Deċiżjoni 2014/312/UE diġà tippermetti l-użu taz-ZPT għal tliet funzjonijiet: bħala preżervattiv ta' ġol-bottijiet, bħala preżervattiv użat fil-magni tal-lewn u bħala preżervattiv b'saff niexef, sa konċentrazzjoni ta' 0,05 %, u tippermetti l-użu tal-BIT f'konċentrazzjoni ta' 0,05 % fil-prodott finali li jkun lest biex jintuża. Għalhekk, jidher xieraq li jiġi permess ukoll l-użu tal-istabilizzatur ZnO għall-istess applikazzjonijiet.

(10) Meta z-ZnO jintuża biex jistabbilizza l-kombinazzjonijiet ta' preżervazzjoni "ta' ġol-bottijiet" jew ta' "pejst li jagħti l-lewn", l-impatti fuq l-ambjent huma mistennija li jkunu inqas minn meta jintuża f'kombinazzjonijiet ta' preżervazzjoni b'saff niexef, (li għalih diġà hemm deroga mill-kriterji attwali), peress li d-doża tipika ta' ZPT għall-applikazzjoni ta' preżervazzjoni b'saff niexef għaż-żebgħa ta' barra tkun bejn wieħed u ieħor 10 darbiet ogħla meta mqabbla ma' dik meħtieġa għall-preżervazzjoni ta' ġol-bottijiet taż-żebgħa ta' ġewwa.

(11) L-alternattivi użati mill-manifatturi, fl-għamla ta' kombinazzjonijiet oħra ta' preżervazzjoni li ma jkunux jeħtieġu ZnO għal skopijiet ta' stabbilizzazzjoni, jużaw fil-biċċa l-kbira tagħhom l-MIT (2-metil-2H-iżotijażol-3on). Madankollu, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1480 ([4]), mill-1 ta' Mejju 2020, l-MIT se jiġi kklassifikat, fost oħrajn, bħala Sens. għall-Ġilda 1 A bil-Kodiċi tad-Dikjarazzjoni ta' Periklu H317 (jista' jikkawża reazzjoni allerġika tal-ġilda). Dan se jiskatta wkoll il-klassifikazzjoni tal-periklu Sens. għall-Ġilda 1 A bil-Kodiċi tad-Dikjarazzjoni ta' Periklu H317 għall-prodotti taż-żebgħa finali li fihom l-MIT jintuża f'konċentrazzjoni ta' 15 ppm jew aktar. Ir-riċerka xjentifika attwali turi li l-MIT mhuwiex effettiv, bħala preżervattiv, jekk jintuża f'konċentrazzjonijiet ta' inqas minn 15 ppm.

(12) Iz-ZPT, il-BIT jew il-kombinazzjonijiet tagħhom jitqiesu bħala l-għażliet vijabbli l-oħra għas-sostituzzjoni tal-MIT, iżda dawn se jkunu jeħtieġu l-użu ta' ZnO fl-applikazzjonijiet kollha possibbli tiegħu.

(13) Għalhekk, mhuwiex teknikament fattibbli li jiġi sostitwit iz-ZnO.

(14) Id-*data* pprovduta mill-partijiet ikkonċernati turi li sabiex tintlaħaq prestazzjoni ta' stabbilizzazzjoni suffiċjenti jkun meħtieġ sa 0,030 % ta' ZnO għall-kombinazzjonijiet ta' preżervazzjoni ta' ġol-bottijiet u tal-ilwien li fihom iz-ZPT, filwaqt li għall-kombinazzjonijiet mal-BIT ikun meħtieġ bejn 0,010 u 0,040 % ZnO.

(15) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/312/UE tiġi emendata skont dan.

(16) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010.

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1480 tal-4 ta' Ottubru 2018 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, u li jikkoreġi r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/776 (ĠU L 251, 5.10.2018, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Fl-Appendiċi tad-Deċiżjoni 2014/312/UE, fit-taqsima intitolata "1. Preżervattivi miżjudin mas-sustanzi li jagħtu l-kulur, mal-aġenti li jgħaqqdu u mal-prodott finali", il-punt (d) (Stabbilizzaturi tal-preżervattivi) huwa sostitwit b'dan li ġej:

Grupp ta' sustanzi	Ambitu tar-restrizzjoni u/jew tad-deroga	Limiti tal-konċentrazzjoni (meta applikabbli)	Valutazzjoni u verifika
"(d) Stabbilizzatur tal-preżervattivi	L-ossidu taż-żingu huwa derogat għall-użu bħala stabbilizzatur għal:		Verifika: Dikjarazzjoni mill-applikant u mill-fornituri tal-materja prima tiegħu."
	kombinazzjonijiet ta' preżervattivi ta' ġolbottijiet u kombinazzjonijiet ta' preżervattivi għal pejst li jagħti l-lewn li jeħtieġu l-piritjon taż-żingu b'1,2 Benżiżotijażol-3 (2H)-on (BIT).	0,030 %	
	kombinazzjonijiet ta' preżervattivi ta' ġolbottijiet u kombinazzjonijiet ta' preżervattivi ta' pejst li jagħti l-lewn li jeħtieġu 1,2 Benżiżotijażol-3(2H)-on (BIT).	0,040 %	
	kombinazzjonijiet ta' preżervattivi b'saff niexef li jeħtieġu l-piritjon taż-żingu.	0,050 %	

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2020.

Għall-Kummissjoni
Virginijus SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni